

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 25.10.2010
KUMM(2010) 596 finali

2007/0286 (COD)

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

Skont l-Artikolu 294(7)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew għall-Pożizzjoni tal-Kunsill rigward il-Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar emissjonijiet industrijali (prevenzjoni u kontroll integrati tat-tniġġis)(riformulazzjoni)

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

Skont l-Artikolu 294(7)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew għall-Pożizzjoni tal-Kunsill rigward il-Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar emissjonijiet industrijali (prevenzjoni u kontroll integrati tat-tniġġis)(riformulazzjoni)

1. SFOND

Proċedura

Fil-21 ta' Diċembru 2007, il-Kummissjoni ssottomettiet proposta għal Direttiva dwar emissjonijiet industrijali (prevenzjoni u kontroll integrati tat-tniġġis) lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-adozzjoni permezz ta' proċedura leġislattiva ordinarja kif stipulat fl-Artikolu 294 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fl-14 ta' Jannar 2009. Il-Kumitat tar-Reġjuni adotta l-opinjoni tiegħu fit-08 ta' Ottubru 2008.

Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tal-ewwel qari tiegħu fl-10 ta' Marzu 2009.

Il-Kunsill laħaq ftehim politiku fil-25 ta' Ġunju 2009 u adotta l-Pożizzjoni Komuni tiegħu fil-15 ta' Frar 2010.

Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tat-tieni qari tiegħu fis-07 ta' Lulju 2010.

2. GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Il-proposta għal Direttiva dwar emissjonijiet industrijali tiċċara u ssaħħa rekwiżiti leġislattivi eżistenti, inklużi dawk dwar l-implimentazzjoni tal-aqwa tekniki disponibbli. Dan tagħmlu billi tirriformula seba' Direttivi relatati mal-emissjonijiet industrijali f'Direttiva waħda. Dan se jgħin biex jitnaqqsu r-riskji għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent ikkawżati minn tniġġis industrijali u biex jinholq ambjent ta' kundizzjonijiet aktar ekwi għall-industrija.

3. KUMMENTI TAL-KUMMISSJONI

3.1 Ġenerali

Fis-Sessjoni Plenarja tiegħu fis-7 ta' Lulju 2010, il-Parlament Ewropew adotta pakkett ta' compromessi maqbul mal-Kunsill bit-tama li jintlaħaq ftehim fit-tieni qari.

Dawn l-emendi jikkonċernaw:

- il-metodu ta' adożżjoni tal-konklużjonijiet tal-Aqwa Tekniki Disponibbli u l-flessibbiltà mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti biex jiddevjaw minn tali konklużjonijiet meta jiffissaw il-valuri tal-limiti tal-emissjonijiet,
- il-provvediment ta' flessibbiltajiet temporanji għas-settur ta' Impjanti Kbar ta' Kombustjoni għall-konformità mal-valuri tal-limiti tal-emissjonijiet riveduti applikabbli għat-tali impjanti,
- mekkaniżmu li jippermetti lill-Kummissjoni tipproponi rekwiżiti minimi ġodda inklużi valuri tal-limiti tal-emissjonijiet għal attivitajiet ibbażati fuq l-impatt ambjentali u l-istat ta' implimentazzjoni tal-aqwa tekniki disponibbli.
- kjarifika tad-dispożizzjonijiet rigward regoli vinkolanti ġenerali, ir-reviżjoni tal-kundizzjonijiet tal-permessi, spezzjonijiet u aċċess għall-informazzjoni.

Il-Kummissjoni taċċetta l-pakkett ta' kompromessi għaliex huwa skont l-għan kumplessiv u l-karatteristiċi ġenerali tal-proposta.

3.2 Proposta Emendata

Skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni temenda l-Proposta tagħha kif stabbilit hawn fuq.